



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2018
COM(2018) 548 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni li saret min-Netherlands – EGF/2018/001 NL/Attivitajiet ta' servizzi
finanzjarji**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament dwar il-FEG”).
2. Fit-23 ta' Frar 2018, in-Netherlands ippreżentat applikazzjoni EGF/2018/001 NL/Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji² fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 64 tan-NACE Reviżjoni 2 - Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, minbarra l-finanzjament ta' assigurazzjoni u ta' pensjonijiet, fir-reġjuni tal-livell NUTS 2, NL12 - Friesland, NL13 - Drenthe u NL21 - Overijssel fin-Netherlands.
3. F'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2018/001 NL/Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji
Stat Membru	In-Netherlands
Reġjun(i) kkonċernati (livell NUTS ³ 2)	NL12 - Friesland NL13 - Drenthe NL21 - Overijssel
Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	23 ta' Frar 2018
Data tal-konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni	23 ta' Frar 2018
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	9 ta' Marzu 2018
Skadenza għall-forniment tal-informazzjoni addizzjonali	4 ta' Mejju 2018
Skadenza għall-ikkompletar tal-valutazzjoni	27 ta' Lulju 2018
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar il-FEG
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati	20

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

Settur(i) ta' attivita ekonomika (Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2) ⁴	Diviżjoni 64 – Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, minbarra finanzjament ta' assigurazzjoni u ta' pensjonijiet
Perjodu referenzjarju (disa' xhur):	24 ta' Marzu 2017 – 24 ta' Diċembru 2017
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	1 324
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	450
Għadd ta' żgħażagħ fil-mira li huma barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs)	0
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	1 908 000
Baġit għall-implimentazzjoni tal- FEG ⁵ (EUR)	79 500
Baġit totali (EUR)	1 987 500
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 192 500

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. In-Netherlands ippreżentat l-applikazzjoni EGF/2018/001 NL/Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji fit-23 ta' Frar 2018, fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent kif stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fl-istess jum, u talbet informazzjoni addizzjonali min-Netherlands fid-9 ta' Marzu 2018. Din l-informazzjoni addizzjonali ingħatat wara li l-iskadenza ta' sitt ġimgħat ġiet estiża b'ġimgħatejn, fuq talba ġġustifikata tan-Netherlands. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mir-riċevuta tal-applikazzjoni kompluta, li fihom il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fis-27 ta' Lulju 2018.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata mal-1 324 ħaddiem li ngħataw is-sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 64 tan-NACE Reviżjoni 2 - Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, minbarra l-finanzjament ta' assigurazzjoni u ta' pensjonijiet. Is-sensji jinsabu fir-reġjuni tal-livell NUTS 2 ta' NL12 - Friesland, NL13 - Drenthe u NL21 - Overijssel⁶.

Intrapriżi u għadd ta' tkeċċijiet fil-perjodu referenzjarju			
Rabobank	981	BNP Paribas	3
ING Bank	149	SBOT BV	3
ABN-AMRO	112	KAS Bank NV	2
Volksbank/SNS	29	Pale BV	2

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

⁵ F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

⁶ Friesland (445), Drenthe (269), Overijssel (610)

Intrapriżi u għadd ta' tkeċċijiet fil-perjodu referenzjarju			
Kredietbank Nederland	11	Royal Bank of Scotland	2
Triodos	6	CEM Finance BV	1
F. Van Lanschot Bankers	5	DNB	1
Lacent BV	5	KBC Bank	1
Santander	5	Krediet Unie BV	1
Kempen & Co NV	4	UBS Europe SE	1
Għadd totali ta' intrapriżi: 20		Għadd totali ta' tkeċċijiet:	1 324
Għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li waqqfu l-attività tagħhom:			0
Għadd totali ta' ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li huma eliġibbli:			1 324

Kriterji ta' intervent

In-Netherlands ippreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jeħtieġ li mill-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja tul perjodu referenzjarju ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fid-Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2, u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru. Fir-reġjun ta' livell NUTS 2, NL21 - Overijssel, kien hemm 610 sensja. Il-perjodu referenzjarju ta' disa' xhur għall-applikazzjoni huwa validu mill-24 ta' Marzu 2017 sal-24 ta' Diċembru 2017.

Kalkolu tas-sensji u ta' waqfien mill-attività

6. L-1 324 sensja kollha matul il-perjodu referenzjarju ġew ikkalkulati mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur li se jkeċċi jew itemm il-kuntratt ta' impjeg tal-ħaddiem.
7. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa 1 324.

Rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali hija indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009

8. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, in-Netherlands tippreżenta l-argument li l-kriżi finanzjarja u ekonomika kellha impatt serju fuq is-servizzi u l-funzjonament tal-banek Olandiżi^{7 8 9}.
9. L-ambjent ta' rati baxxi tal-imgħax, introdott bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja, il-kundizzjonijiet regolatorji aktar stretti, u t-tnaqqis sostanzjali fis-suq ipotekarju u fil-forniment ta' kreditu għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), ikkawżaw dejjem inqas profittabbiltà u ħolqu hteiga urġenti għat-tnaqqis fil-kostijiet. Ir-rapport tal-pajjiż mill-Kummissjoni għall-2018 jikkonferma r-rati baxxi tal-imgħax, it-

⁷ <https://www.rabobank.com/nl/about-rabobank/results-and-reports/annual-review/2015/organisational-structure/index.html>

⁸ <https://www.rabobank.com/nl/about-rabobank/results-and-reports/annual-review/2015/organisational-structure/index.html>

⁹ <https://www.dnb.nl/en/news/news-and-archive/persberichten-2016/dnb341434.jsp>

<https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2016/html/sp161003.en.html>

<https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2017/html/ecb.sp170510.en.html>

tnaqquis fis-self lill-SMEs u l-pożizzjoni ta' dejn tal-unitajiet domestiċi privati fin-Netherlands¹⁰.

10. Fis-suq ipotekarju jista' jiġi osservat tnaqqis sostanzjali mill-2006 sal-2015¹¹. Kien hemm kemmxejn ta' rkupru mill-2016, għalkemm il-livelli għadhom ħafna aktar baxxi milli qabel il-kriżi ekonomika finanzjarja. Ir-rata ta' tkabbir ta' ipoteki ġodda annwali issa hija kważi zero; filwaqt li qabel il-kriżi tal-2008, kienet qed tikber b'4-5 % kull sena. Id-dħul ta' atturi ġodda - bħal fondi ta' pensjoni u assiguratari - kompla żied mat-tnaqqis tan-negozju ipotekarju għall-banek.
11. Fil-forniment ta' kreditu għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs)¹², jidher tnaqqis matul dawn l-aħħar 10 snin, mingħajr ma kien hemm irkupru għal-livell tal-2008.
12. B'riżultat ta' dan, il-banek naqqsu l-persunal tagħhom, prinċipalment billi għalqu uffiċċji reġjonali u billi qalbu għall-ibbankjar online. Nofs il-fergħat għalqu bejn l-2004 u l-2014¹³, u x-xejra għadha għaddejja. Il-biċċa l-kbira tal-persuni li ngħataw is-sensja huma dawk li kienu f'kuntatt dirett mal-klijenti u dawk li kienu involuti fl-amministrazzjoni relatata.
13. Sa issa, is-settur "Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, minbarra l-finanzjament ta' assigurazzjoni u ta' pensjoni" ma kien is-suġġett ta' ebda applikazzjoni tal-FEG.

Avvenimenti li jikkawżaw is-sensji u l-waqfien mill-attività

14. Ir-rati baxxi tal-imgħax (marġnijiet baxxi tal-imgħax) kellhom impatt dirett u negattiv fuq il-profittabbiltà tal-banek. Ir-restawr tal-profittabbiltà prinċipalment jinkiseb permezz tat-tnaqqis tal-kostijiet, tal-għeluq ta' friegħi reġjonali u tal-awtomatizzazzjoni, sabiex in-negozju jibqa' għaddej. B'riżultat ta' dan, l-għadd ta' impjegati qed jonqos b'mod kostanti fil-banek kollha.
15. L-għadd ta' sensji fis-settur bankarju Olandiż żdied bi 8,6 % bejn April 2016 u April 2017, filwaqt li l-għadd medju ta' sensji fis-setturi kollha naqas bi 12,8 %¹⁴. Rabobank kellu 1 434 fergħa fl-2004; fl-2014 kien għad fadal biss 566 (-60 %). Fl-istess perjodu, ABN-AMRO għalaq 427 mill-uffiċċji tiegħu (-57 %)¹⁵. Il-Volksbank (SNS) għalaq 14 % mill-uffiċċji reġjonali tiegħu bejn l-2004 u l-2014. It-tnaqqis tal-uffiċċji reġjonali kien l-aktar prevalenti fi Friesland, fi Drenthe u f'Overijssel. Billi ING qatt ma kellu uffiċċji reġjonali daqs il-banek l-oħrajn (276), dan ma għalaqx uffiċċji, iżda naqqas il-persunal fl-uffiċċji eżistenti.
16. Bejn l-2010 u l-2016, l-għadd kumplessiv ta' impjegati fl-erba' banek li diġà ssemmev naqas minn 158 588 għal 122 556; dan huwa tnaqqis ta' 23 %¹⁶.
17. Barra minn hekk, huma previsti sensji fuq skala kbira f'ABN-AMRO¹⁷, f'ING¹⁸ u f'Rabobank¹⁹. Il-Volksbank, li ma għaddhiex minn riorganizzazzjoni jew ristrutturar

¹⁰ <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2018-european-semester-country-report-netherlands-en.pdf>

¹¹ Sors: <https://www.dnb.nl/nieuws/nieuwsoverzicht-en-archief/statistisch-nieuws-2017/dnb358895.jsp>

¹² <https://www.dnb.nl/nieuws/nieuwsoverzicht-en-archief/dnbulletin-2014/dnb309784.jsp>
Skeda Informattiva għall-2016 tal-Federazzjoni Olandiża tal-Banek dwar is-Servizzi Finanzjarji
https://www.nvb.nl/media/document/000258_od15799-nvb-factsheet-zakelijke-dienstverlening-2016-04-07-def.pdf.

¹³ <https://fd.nl/frontpage/fd-outlook/1086750/hoede-bank-uit-de-buurt-verdwijnt-en-straks-elders-weer-verschijnt>

¹⁴ Newsflash Labourmarket, UWV, April 2017

¹⁵ <https://fd.nl/frontpage/fd-outlook/1086750/hoede-bank-uit-de-buurt-verdwijnt-en-straks-elders-weer-verschijnt>

¹⁶ Sors: ir-rapporti annwali ta' ING, ABN-AMRO, RABO-bank u Volksbank

estensivi matul dawn l-aħħar snin, ħabbar pjanijiet għal riorganizzazzjoni u għal sensji²⁰.

18. L-għadd ta' persuni fuq benefiċċji tal-qgħad fis-settur żdied b'iktar mit-tripplu matul il-perjodu 2008 sal-2015^{21 22}, u fl-2016 l-għadd ta' persuni mis-settur bankarju li applikaw għal benefiċċju tal-qgħad żdied b'27,7 % meta mqabbel mal-2015, bħala konsegwenza tar-riorganizzazzjoni tas-settur. Barra minn hekk, is-settur bankarju kien l-uniku settur fejn l-impjieg naqas fl-2016; is-setturi l-oħra kollha kellhom inqas benefiċċji ġodda tal-qgħad.
19. It-tnaqqis affettwa prinċipalment lil persunal b'livell ta' edukazzjoni baxx jew medju, bħal persunal amministrattiv u dawk li jilqgħu lill-klijenti. Il-perspettiva tas-suq tax-xogħol għal dawn it-tipi ta' funzjonijiet hija dgħajfa. Fis-settur bankarju, in-nisa prinċipalment kellhom funzjonijiet ta' livell baxx u ta' livell medju; għalhekk, hemm aktar nisa qiegħda (55 %) milli rġiel (45 %). 45 % tal-persuni qiegħda fis-settur bankarju għandhom 55 sena jew aktar.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

20. Is-sensji fis-settur bankarju jippreżentaw sfida partikolari għat-tliet provinċji kkkonċernati²³. Il-qgħad fit-tliet reġjuni kollha huwa ogħla mill-medja nazzjonali ta' 5,4 %. Fi Friesland jinsab f'livell ta' 10,8 %²⁴, fi Drenthe huwa 7 %²⁵ u f'Overijssel huwa 6,3 %²⁶. B'mod ġenerali, 66 % tan-nies jistgħu jsibu xogħol ġdid fi żmien sena mit-tkeċċija tagħhom. Fis-settur bankarju, 39 % tan-nies biss sabu xogħol ġdid fi żmien sena²⁷.
21. Skont l-Aġenzija għall-Assigurazzjoni tal-Impjiegi tan-Netherlands (UWV), il-prospettivi ta' dawn in-nies li jsibu impjieg ieħor fl-istess settur huma baxxi ħafna, billi l-impjiegi fis-settur mhumiex mistennija jirkupraw. Skont it-tbassir, fl-2018 se jerġa' jkun hemm tnaqqis fl-impjiegi fis-settur²⁸.
22. Fi Friesland, 16 % tan-nies li applikaw għall-benefiċċji tal-qgħad kellhom funzjonijiet fis-settur bankarju b'tipi ta' xogħlijiet li ma għadhomx meħtieġa fir-reġjun, billi, fost l-oħrajn, ingħalqu l-fergħat reġjonali tal-banek²⁹.
23. F'Overijssel, is-settur bankarju huwa kklassifikat fit-tieni post fuq il-lista ta' sfondi okkupazzjonali ta' nies li japplikaw għall-benefiċċji tal-qgħad³⁰.

¹⁷ Diversi rapporti annwali ABN-AMRO 2011-2016

¹⁸ Ir-rapporti annwali ta' ING Bank għall-2015 u l-2016.

¹⁹ Homas Escritt u Toby Sterling (11 ta' Diċembru 2015). "[Rabobank to cut 9,000 jobs and shed assets to boost profit](#)"

²⁰ <http://www.volkskrant.nl/economie/weer-een-ontslagronde-ook-sns-schrapt-honderden-voltijdbanen~a4435538/>

²¹ Il-probabbiltà ta' impjieg għal persuni fis-settur finanzjarju, UWV, Marzu 2017

²² <https://fd.nl/economie-politiek/1176581/somber-perspectief-voor-ontslagen-bankmedewerker>

²³ Ċifri għas-sensji fis-settur bankarju UWV.

²⁴ Fatti u ċifri għall-provinċja ta' Friesland: <http://fryslan.databank.nl>

²⁵ Fatti u ċifri għall-provinċja ta' Drenthe: <http://www.provincie.drenthe.nl/feitencijfers/cijfers/economie/>

²⁶ Sors: CBS Statline <https://www.cbs.nl>

²⁷ Skeda informattiva dwar is-suq tax-xogħol għas-settur finanzjarju, UWV 23 ta' Mejju 2017

²⁸ <https://fd.nl/frontpage/ondernemen/1086910/banken-houden-nog-20-tot-30-kantoren>

²⁹ Reġjun taħt il-lenti: Friesland, UWV 2016

³⁰ Reġjun taħt il-lenti: Zwolle, UWV 2016, Reġjun taħt il-lenti: Twente, UWV 2016

24. L-impatt mistenni tas-sensji fit-territorji affettwati huwa marbut mad-diffikultajiet ta' riallokazzjoni fi ħdan l-istess settur. L-UWV tagħti parir lin-nies fis-settur bankarju f'dawn it-tliet provinċji biex ifittxu professjoni, settur jew reġjun oħrajn^{31 32}. It-tliet reġjuni kkonċernati mhumiex industrijalizzati u ddiversifikati daqs reġjuni oħra fin-Netherlands, u l-biċċa l-kbira mill-kumpaniji huma SMEs³³. Madankollu, hemm opportunitajiet ġodda ta' impjiegi fis-setturi tas-saħħa, tal-ICT, tal-loġistika, tal-kontroll finanzjarju u f'setturi oħra.
25. Jeżistu gruppi vulnerabbli fost l-1 324 ħaddiem li tkeċċa; persunal klerikali/responsabbli għall-bejgħ (52 % fl-applikazzjoni), nisa (59 %) u persuni anzjani li għandhom aktar minn 55 sena (27 %). Nofs daww li ngħataw tkeċċew kienu jaħdmu f'impjiegi professjonali/tekniċi. Għalhekk, huwa importanti li tiġi appoġġgata r-riintegrazzjoni veloċi fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema mkeċċija, billi se jkun diffiċli li jsibu impjieg ieħor mingħajr għajjnuna.
26. Il-perjodu medju ta' benefiċċji tal-qgħad għall-membri tal-persunal qiegħda fis-settur bankarju huwa ħafna itwal milli dak għal persuni qiegħda minn setturi oħra. Barra minn hekk, id-*data* mill-UWV turi li mill-inqas 12 % ta' daww li applikaw għall-benefiċċju tal-qgħad kellhom xogħol preċedenti fis-settur finanzjarju³⁴.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

27. Huwa stmat li 450 ħaddiem li ngħataw is-sensja huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri. Il-ħaddiema eliġibbli l-oħra jew qed imorru f' setturi jew reġjuni oħra, jirtiraw jew qed jipparteċipaw fi skemi nazzjonali u lokali għall-impjieg mill-ġdid. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji fil-mira*	
Sess:	Irġiel:	183	(40,7 %)
	Nisa:	267	(59,3 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	450	(100,0 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	0	(0 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	38	(8,4 %)
	25-29 sena:	50	(11,1 %)
	30-54 sena:	241	(53,6 %)
	55-64 sena:	104	(23,1 %)
	aktar minn 64 sena:	17	(3,8 %)

*:% arrotondat

³¹ Ara n-nota 28 – 30

³² Skeda informattiva dwar is-suq tax-xogħol għas-settur finanzjarju, UWV 23 ta' Mejju 2017

³³ Fatti u ċifri għall-provinċja ta' Overijssel: <http://www.overijssel.nl/over-overijssel/cijfers-kaarten/>

³⁴ Reġjun taħt il-lenti: Drenthe, UWV 2016

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

28. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:
- Ammissjoni: din il-miżura se tidentifika l-parteċipanti skont il-kapaċitajiet, il-potenzjal u l-perspettiva tal-impjeg tagħhom. Kull ammissjoni se tiġi konkluża b'parir.
 - Għajjnuna għat-tfittix ta' impjeg: din il-miżura se tibda b'offerta għal programm personalizzat. Fost l-oħrajn, din se tinkludi thejjiġa ta' dokumenti ta' trasferiment, taħriġ intensiv fl-applikazzjoni għal impjegi, l-organizzazzjoni ta' swieq tax-xogħol u kkuntattjar estensiv ta' impjegaturi.
 - Grupp tal-mobbiltà: din il-miżura tikkonsisti minn grupp flessibbli għal persuni li jkun qad ifittxu impjeg u għal impjegaturi b'impjegi temporanji. Se jitwaqqfu gruppi tal-mobbiltà reġjonali, speċjalizzati għal dawk li kienu jaħdmu fis-settur bankarju. Din il-miżura se tipprovi esperjenza ta' xogħol lill-ħaddiema (mħarrġa mill-ġdid) u se tgħinhom jippreżentaw lilhom infushom lil impjegaturi oħra.
 - Taħriġ u kkwējar relatati mal-promozzjoni tal-intraprenditorija: xi wħud mill-parteċipanti jistgħu jużaw il-ħiliet u l-esperjenza tagħhom biex jibdew in-negozju tagħhom stess. Din il-miżura se tipprovdilhom taħriġ u kkwējar, billi tiżviluppa l-ħiliet tagħhom, tabbozza pjan sostenibbli tan-negozju u tiggwidahom matul il-proċeduri leġiżlattivi.
 - Taħriġ u taħriġ mill-ġdid: din il-miżura se tipprovi taħriġ, taħriġ mill-ġdid u faċilitajiet edukattivi oħrajn, kemm għas-settur tal-bejgħ bl-immnut, kif ukoll għal profili okkupazzjonali ġodda, bħat-trasport, is-servizzi tal-IT, professjonijiet tekniċi u oħrajn.
 - Għajjnuna għar-rikollokament: din il-miżura se toffri orjentazzjoni lejn l-impjeg, konsulenza dwar l-impjeg u taħriġ dwar il-kompetenzi.
 - Għotja għall-promozzjoni tal-intraprenditorija: din il-miżura se tipprovi għotja biex jiġu koperti l-kostijiet ta' investiment, jekk il-parteċipant jikseb il-ħiliet neċessarji u jkollu pjan tan-negozju sostenibbli.
29. L-azzjonijiet proposti, deskritti hawnhekk, jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol skont l-azzjonijiet eliġibbli stipulati fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
30. In-Netherlands ipprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obligatorji għall-intrapriżi kkonċernati bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi dawn l-azzjonijiet.

Baġit stmat

31. Il-kostijiet totali stmati huma EUR 1 987 500, li jinkludu l-infiq għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 908 000, u l-infiq għal attivitajiet ta' thejjiġa, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 79 500.
32. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mingħand il-FEG hija ta' EUR 1 192 500 (60 % tal-kostijiet totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat	Kost stmat	Kostijiet totali
-------------	-------------	------------	------------------

	ta' parteċipanti	għal kull parteċipant* (EUR)	stmati (EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament dwar il-FEG)			
Ammissjoni (Intake)	250	1 152	288 000
Għajnuna għat-tfittix ta' impjeg (Trajectbegeleiding reintegratie)	450	900	405 000
Grupp tal-mobbiltà (Mobiliteitspool)	175	3 200	560 000
Taħriġ u kkwocjar relatati mal-promozzjoni tal-intraprenditorija (Promotie, cursussen en begeleiding ondernemerschap)	20	2 000	40 000
Taħriġ u taħriġ mill-ġdid (Scholing en cursussen)	75	3 500	262 500
Għajnuna għar-rikollokament (Outplacement begeleiding)	35	1 500	52 500
Għotja għall-promozzjoni tal-intraprenditorija (Toelage ondernemerschap)	20	15 000	300 000
Subtotal (a):			1 908 000
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	(100 %)
Kwoti u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar il-FEG)			
	0	0	0
Subtotal (b):			0
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	(100 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar il-FEG			
1. Attivitajiet ta' tħejjija		–	0
2. Ġestjoni		–	19 875
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	39 750
4. Kontroll u rapportar		–	19 875
Subtotal (c):			79 500
Perċentwal tal-ispejjeż totali:		–	(4 %)
Kostijiet totali (a + b + c):		–	1 987 500
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)		–	1 192 500

*: iċ-ċifri huma arrotondati

33. In-Netherlands ikkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għal impjegati indipendenti, negozji ġodda u akkwiżizzjonijiet mill-impjegati mhumiex se jaqbru EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tal-infiq

34. Fl-1 ta' Jannar 2018, in-Netherlands bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira. Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2018 sat-23 ta' Frar 2020, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.
35. Fl-1 ta' Ottubru 2017, in-Netherlands bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva biex timplimenta l-FEG. Għaldaqstant, l-infiq għal attivitajiet ta' thejjiġja, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandu jkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-23 ta' Awwissu 2020.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

36. Is-sorsi ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huma l-fondi tal-Aġenzija għall-Assigurazzjoni tal-Impjegati (UWV), il-provinċji, fondi edukattivi u fondi tas-sħab soċjali.
37. In-Netherlands ikkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li se jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom, mas-sħab soċjali jew mal-awtoritajiet lokali u reġjonali

38. In-Netherlands indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati u sħab soċjali bħall-Assoċjazzjoni Bankarja Olandiża (NVB), il-Federazzjoni Olandiża għat-Trade Unions (FNV) u l-Federazzjoni Nazzjonali Kristjana għat-Trade Unions (CNV), speċjalment fir-rigward tal-abbozzar tal-pakkett ikkoordinat tas-servizzi offruti. Is-sħab soċjali se jipparteċipaw ukoll fil-komitati ta' tmexxija, li se jitwaqqaf biex jikkoordina l-miżuri kollha tas-suq tax-xogħol.
39. L-attivitajiet ta' thejjiġja kienu jinkludu laqgħat mar-rappreżentanti tas-settur, mal-muniċipalitè ta' Leeuwarden u mat-tliet provinċji. Il-partijiet ikkonċernati (sħab soċjali, rappreżentanti tas-settur bankarju) flimkien mal-UWV għamlu inventarju tan-natura u l-kobor tal-problema. Tħejja pjan għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja biex dawn iżidu l-probabbiltà tagħhom li jerġgħu jsibu impjeg.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

40. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Din hija identika għall-istruttura tas-sistema tal-FSE. Il-kostijiet relatati ma' dawn l-attivitajiet huma inklużi fil-kostijiet totali tal-proġett. In-Netherlands innotifikat lill-Kummissjoni li l-ġestjoni se ssir mill-parti responsabbli għall-Implimentazzjoni tal-Politika tad-dipartiment għas-Servizz, il-Kollaborazzjoni u l-Implimentazzjoni (SZV; il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjegati).
41. Il-kontroll finanzjarju se jsir mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija għall-Intrapriżi tan-Netherlands (RVO) tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Politika dwar il-Klima,

bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni. L-awtorità tal-awditjar indipendenti se tkun is-Servizz tal-Awditjar Ċentrali tal-Gvern (il-Ministeru tal-Finanzi).

42. Fir-rigward tal-kontroll intern u s-sistemi kontabilistiċi, il-Gvern provinċjali ta' Drenthe huwa obbligat iżomm reġistri amministrattivi verifikabbli għall-awditjar.

Impenji mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat

43. In-Netherlands tat l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- fl-aċċess għall-azzjonijiet u proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom, se jiġu rispettati l-prinċipji tal-ugwaljanza fit-trattament u tan-nondiskriminazzjoni,
 - ġew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u dik tal-UE rigward sensji kollettivi,
 - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u se jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju,
 - l-azzjonijiet proposti se jikkumplimentaw l-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ġħajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

44. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020³⁵.
45. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament dwar il-FEG, u wara li qieset l-ġħadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 1 192 500, li jirrappreżenta 60 % tal-kostijiet totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
46. Id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³⁶.

Atti relatati

47. Fl-istess ħin li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 192 500 lejn il-linja baġitarja rilevanti.
48. Fl-istess ħin li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja permezz ta' att ta'

³⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³⁶ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

implimentazzjoni li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni li saret min-Netherlands – EGF/2018/001 NL/Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006³⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f' materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³⁸, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovi appoġġ lil ħaddiema li ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li waqqfu l-attività tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat tal-kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika ġdida, u li jgħinhom jergħu jintegraw fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma jeħtieġx jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013³⁹.
- (3) Fit-23 ta' Frar 2018, in-Netherlands ippreżentat applikazzjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, fir-rigward tas-sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-Klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjoni 64 (Attivitajiet ta' servizzi finanzjarji, minbarra il-finanzjament ta' assigurazzjoni u ta' pensjonijiet) fir-reġjuni tal-livell 2 tal-Klassifikazzjoni Komuni ta' Unitajiet Territorjali għall-Istatistika ("NUTS")⁴⁰, NL 12 - Friesland, NL 13 - Drenthe u NL 21 - Overijssel fin-Netherlands. Din kienet issupplimentata minn informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni

³⁷ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

³⁸ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

³⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

⁴⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

- (4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 192 500 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata min-Netherlands.
- (5) Sabiex jiġi mminimizzat iż-żmien meħtieġ għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja għall-2018, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 192 500 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President